MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 1194/1998/1

**Francis Enriquez**

**Vs**

**Melvin Castagna**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur s-somma ta' Lm801.73 (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni in segwitu ghal incident stradali li gara Wied il-Ghajn fil-5 ta' Mejju 1997 bejn Car Cortina Nru B 8160 misjuqa mill-istanti u Van Transit Nru IAA 751 misjuqa mill-konvenut. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi Lm10.50 ta' konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awissu 1997 u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz lill-assikuraturi. Il-konvenut ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' dana l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talba tal-attur ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontrih stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija tal-attur innifsu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-lokalita' in kwistjoni fejn gara dan l-incident, din hi dik it-triq li minnha ssuq ma xatt il-Bahar fid-direzzjoni tal-Lukanda "Jerma Palace" f'Wied il-Ghajn. Din it-triq hi "a senso unico" u fuq in-naha tal-lemin, fl-istess direzzjoni tinsab triq laterali bl-isem ta' Triq il-Grigal (ara fol 25 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 27 u fol 56 ibid) jsostni li, waqt li kien qed jsuq fl-istess triq, kien issenjala, bl-'indicator', illi kien ser jdur lejn il-lemin sabiex mit-triq principali jidhol ghal go Triq il-Grigal. Kif kwazi kien dar ghal kollox waqt li kien qed jsuq bil-mod, hu sema' 'hoss kbir ta' brake' u l-vettura misjuqa minnu ntlaqtet fuq wara. Minhabba din id-daqqa, l-istess karozza tieghu daret, telghet fuq il-bankina u laqat hajt u minhabba hekk, l-istess vettura spiccat thares fid-direzzjoni opposta. In kontro esami hu semma u specifika li, waqt li kien ghadu fuq it-triq pricipali u qabel ma dar lejn il-lemin, hu kien qed jsuq lejn in-nofs tat-triq u kien xeghel

l-incidator meta '… kont xi ghoxrin karozza l-boghod minnfejn kelli ndur'. Inoltre hu specifika li qabel ma dar lejn il-lemin, kien hares fil-mera interna u kif ghamel hekk kien sema l-hoss ta' brake gja msemmi 'u rajtu gej ghal fuqi mill-mera'. Fl-ahhar nett, hu ssottolinea li, qabel, kien di gja hares fil-mera fuq barra tal-lemin u ma kien ra l-ebda vettura tinsaq warajh. (ara wkoll il-kopja tar-<u>rapport</u> tal-Pulizija in atti a fol 20).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tieghu, <u>l-konvenut</u> fol 59 et seq u fol 60 ibid) jsostni li kif kien qed jsuq akkumpanjat minn certu Gordon fuq it-triq principali, hu kien ra l-vettura l-ohra wieqfa ossija '…. Ipparkjata fuq in-naha tax-xellug tat-triq' u ' … kif avvicinajt lejha, nahseb li d-driver ipprova jaghmel U-turn', anzi kien ra waqt li '…. Qed tilwi lejn il-lemin" fejn hemm triq laterali. Hawnhekk meta kien qed jigri dan, hu kien "….forsi l-boghod minnha hames metri' u 'Ma rajt l-ebda sinjal li jindika li din il-karozza kienet ser iddur'. Meta rrealizza dak li kien qed jigri quddiemu hu ghafas il-brake u daqq il-horn izda laqat il-vettura l-ohra fuq wara. In rigward il-hsara fuq il-vettura tieghu din kienet fuq in-naha tax-xellug fuq quddiem (ara ukoll dak li stqarr lill-Pulizija fir-rapport a fol 20 tal-atti).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-<u>iskizz</u> (a fol 25 ibid) jidher li l-konvenut, effettivament, kien ghafas il-'brake' u difatti wara l-vettura tieghu jirrisulta li kien hemm marki ta' 'brake' twal tlettax-il metru.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, meqjusa l-provi kif hawn fuq sintetizzati, jidher fuq basi ta' probabilta li l-konvenut kien qed jsuq minghajr id-debita attenzjoni rikjesta minnu sabiex jigu evitati incidenti bhal dak in esami. Filfatt l-Qorti hi konvinta li l-attur uza l-kawtela kollha qabel ma beda' jdur lejn il-lemin waqt li l-istess ma jistax jinghad fil-konfront tal-konvenut li ma kienx sufficjentement attent ghal dak li kien qed jigri

quddiemu fejn l-attur, bl-'indicator' mixghul kien qed jdur bil-mod, lejn il-lemin sabiex jidhol fl-imsemmija triq laterali.

Mill-istess provi, ma jidhirx li jista' jinghad li l-attur ikkawza emergenza subitanea fil-konfront tal-konvenut u li setghet kawzat dan l-incident.

Minhabba hekk u avolja l-konvenut ghamel tentattiv tardiv sabiex jevita l-habta r-responsabilta' ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lilu

Ikkunsidrat

Illi l-valur ta' hsarat li garrbet il-vettura misjuqa mill-attur jinsabu kwantifikati fid-dokumenti a fol 29 sa fol 35 tal-atti waqt li jinghad li dawn ma gewx kontestati, b'xi prova kontrarja, vis-à-vis il-'quantum' pretiz. Ta' minn jinnota li parti minima minnhom jirreferu ghall-spejjes medici minhabba li l-attur sofra xi griehi zghar kif risultanti mic-certifikat mediku a fol 23 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami u dan minhabba imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

2. tillikwida l-ammont ta' danni fis-somma ta' Lm801.73,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm801.73,0 bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-8 ta' Awissu 1997 u tal-10 ta' Gunju 1998.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------